MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Numru 624/2005

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**AARON STEVEN STEWART EDWARD RITCHIE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Aaron Steven Steward Richie, ta' 21 sena, bin Edgar u Jeanette nee' Reyner, imwieled Londra, l-Ingilterra, nhar is-17 ta' Frar, 1984, u li joqghod fil-fond numru 176, Tropicana, Triq Bormla, Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 77000 (L);

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Awissu, 2004, ghall-habta tas-1.15 ta' wara nofsinhar, gewwa Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq minn vetturi tal-ghamla Bedford, mudell Astra, ta' lewn hamrani, u bin-numru tar-

registrazzjoini FAV 283, li kienet tinsab ipparkjeggata fi Triq il-Foss, Rahal Gdid, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta ta' haga misruqa, u bil-valur, li ma jiskorrix l-elf lira maltin (Lm1,000.00) ghad-dannu ta' Gordon Debono, minn Birkirkara, bhala Direttur tal-kumpanija Mr Handyman Ltd, u dana bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a), 261(b)(c) u (g), u 263, 267, 271(g), 279 (a), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati(Malta), liema sentenzi saru definittivi;

U barra minn hekk talli kiser il-kundizzjonijiet u diversi sentenzi imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet u sentenzi saru definittivi u ma jistghux jithassru qatt.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet il-provi prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c) u (g), 263, 267, 271(g), 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-qorti ma ssibx lill-imsemmi akkuzat hati tat-tieni (2) u tielet (3) akkuzi u ghalhekk tilliberah minnhom,u ssibu hati tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sena (1).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------